**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 17 ta' Novembru, 2021**

Numru 3

**Appell Nru. 14/2021**

**Dr Simon Busuttil**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Pamela Cordina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terz interessat tat-8 ta' Gunju 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-18 ta' Mejju 2021 li biha cahad l-appell ta' Dr Simon Busuttil li l-permess mahrug lil appellati Cordina 'demolition of existing two storey terraced house and construction of a new house, including pool and basement garage' f'Hal Luqa jigi revokat jew emendat. Qed jigi allegat li l-permess inhareg bi ksur tal-artikolu 80 tal-Kap. 552 senjatament minhabba li l-permess kien il-frott ta' informazzjoni inkorretta u zbaljata sottomessa lill-Kummissjoni li iddecidiet il-kaz;

L-Awtorita irrispondiet billi qalet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Il-permit holder issottomettiet li ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 80 tal-Kap. 552;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell gie ntavolat minn terzi fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar ghal talba ta' revoka tal-permess PA 1721/15 li jirrigwarda zvilupp ta' twaqqigh ta' dar ezistenti u bini ta' dar gdida, inkluz pool u garaxx fil-livell sottoterran. Il-fond jinsab f'zona residenzjali [Skont Mappa LJM1 tal-Pjan Lokali ghac-Centru ta' Malta] u zona ta' konservazzjoni urbana [Skont Policy CG09 tal-Pjan Lokali ghac-Centru ta' Malta] fi Triq Merino, fil-lokalita' ta' Hal-Lija.

Illi permezz tal-appell odjern l-appellant ressaq is-segwenti aggravji:
1. Illi l-Kummisjoni tal-Ippjanar inghatat informazzjoni zbaljata mic-Chairperson Ezekuttiv rigward l-applikazzjoni tal-policy li tirregola s-sit de quo. Il-Kummisjoni giet infurmata li l-estent tal-izvilupp seta' jkun ta' 30 metru abbazi ta' Cirkulari 3 tal-2014, meta fil-fatt kellha tigi prezentata b'informazzjoni li f'sit bhal dan il-limitu tal-izvilupp huwa ta' 25 metru skont policy CG09 tal-Pjan Lokali, gialadarba l-gnien li jifforma parti mis-sit jinsab go Open Space Enclave.
2. Illi l-Bord tal-Ippjanar kien zbaljat meta qies illi l-Kummissjoni inghatat informazzjoni korretta u konsapevolment ghazlet li tapplika ir-regola tac-Cirkulari 3 tal-2014 u mhux il-policy CG09. Illi l-appellant jargumenta li dan mhux minnu u ma jirrizultax mill-minuti tal-Kummissjoni.
3. Illi l-Bord tal-Ippjanar kien zbaljat meta qies li t-talba tal-appellant kienet sabiex il-Bord jissindaka jekk il-Kummissjoni interpretatx il-policy b'mod korrett. Illi dan mhux kaz ta' interpretazzjoni ta' policy izda kaz car fejn id-Direttorat ipprezenta informazzjoni zbaljata lill-Kummissjoni u cioe' li l-unika regola applikabbli dwar dan l-estent tal-izvilupp hija icCirkolari 3 tal-2014.
4. Illi l-ligi hija cara u tistabbilixxi illi f'kaz fejn permess jinhareg abbazi ta' informazzjoni skoretta u/jew zbaljata u/jew qarrieqa, dan huwa bazi ta' revoka ta' l-istess permess.

Illi fir-risposta taghha l-Awtorita' rriteniet l-oggezzjoni taghha ghar-revoka tal-permess skont l-Artiklu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp. L-Awtorita' ssostni li din il-kwistjoni giet deliberata fit-tul u taghmel referenza ghall-estratt mid-diskussjoni li saret waqt il-laqgha tal-Bord tal-Ippjanar tal-21 ta' Mejju 2020 fejn jinghad li kwistjonijiet li setghu gew kontestati fi process ta' appell ma jistghux jigu kkunsidrati fil-kuntest tal-Artikolu 80. Jinghad ukoll li wiehed jista' ma jaqbilx mar-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat izda ma jistax jikkonkludi li l-Kummissjoni tal-Ippjanar ma kienitx taf bil-policy.

Illi fir-risposta tal-permit holder jinghad li Artikolu 80 ta' Kapitolu 552 ma jistax jigi uzat bhala sostituzzjoni tal-procedura talappell u fil-kaz prezenti ma tissussisti l-ebda wahda mir-ragunijiet li skond l-istess Artikolu jistghu jaghtu lok ghal thassir ta' permess ta' zvilupp. Illi l-unika kwistjoni rilevanti hija jekk kienx hemm qerq jew informazzjoni zbaljata dwar is-sit. Il-permit holder jsostni li minn naha tieghu ma kien hemm ebda cirkustanza ta' qerq u lanqas l-appellant ma indika dan fil-kors tattrattazzjoni tat-talba. Minn naha l-ohra, il-case officer indika u ccita id-dokumenti tal-policies kollha li setghu kienu rilevanti ghaddeterminazzjoni tal-applikazzjoni u huwa ovvju li l-Kummissjoni kellha quddiemha l-policies kollha rilevanti biex tasal ghad- decizjoni taghha sta li ma kienitx marbuta li timxi mar-rakkomandazzjoni tal-case officer.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni odjerna u tas-sottomissjonijiet maghmula mill-Partijiet;

Ikkunsidra;
Illi dan l-appell gie natvolat wara li l-appellant ressaq talba lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-permess PA 1721/15 jigi emendat/revokat ai termini tal-Artikolu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp minhabba informazzjoni skorretta u zbaljata sottomessa lill-Kummissjoni li ddecidiet il-kaz, liema talba giet michuda mill-Bord tal-Ippjanar. Illi ghaldaqstant m'huwiex fil-kompitu ta' dan it-Tribunal li jidhol fil-mertu tal-permess jew interpretazzjoni ta' policy mill-gdid, izda ghandu jara jekk irragunijiet stabbiliti fit-talba mressqa mill-appellant jaghtux lok ghal invokazzjoni ta' Artikolu 80.

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal jirreferi ghall-Artikolu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp li jistipula s-segwenti:
80. (1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss
(a) fil-każijiet ta' frodi; jew
(b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew
(ċ) fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew
(d) fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata,
b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjoni;

Illi t-talba mressqa mill-appellant ghar-revoka tal-permess [Dok. 105A fl-inkartament ta' PA 1721/15] hija marbuta principarjament mal-argument imressaq fl-ewwel aggravju fejn jinghad li l-Kummisjoni tal-Ippjanar inghatat informazzjoni zbaljata mic-Chairperson Ezekuttiv fejn giet infurmata li l-estent tal-izvilupp seta' jkun ta' 30 metru abbazi ta' Cirkulari 3 tal-2014, meta fil-fatt kellha tigi prezentata b'informazzjoni li f'sit bhal dan il-limitu tal-izvilupp huwa ta' 25 metru skont policy CG09 tal-Pjan Lokali applikabbli ghas-sit odjern. Illi jinghad li meta lKummisjoni rat il-kaz idderigiet lill-applikant sabiex jirriduci l-proposta tieghu ghal zvilupp li ma jeccedix it-30 metru u ghaldaqstant l-appellant jishaq li l-Kummissjoni ghamlet apprezzament zbaljat u ddecidiet hazin dwar din l-applikazzjoni gialadarba ma nghatatx l-informazzjoni korretta.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tar-risposta tac-Chairperson Ezekkuttiv [Dok. 144A fl-inkartament ta' PA 1721/15] ghat-talba tar-revoka tal-permess fejn jinghad issegwenti:
Following this assessment, the Planning Directorate is of the opinion that the information given to the Commission was not erroneous and based on this information, the Commission consciously requested that the development be reduced to a depth of 30 meters as specified in PA Circular 3/14. Therefore, the Directorate is of the opinion that the Planning Authority should not revoke the case under Article 80 of the Development Planning Act of 2016.

Illi ic-Chairperson Ezekuttiv jispjega li l-informazzjoni moghtija lill-Kummissjoni ma kinitx zbaljata u l-istess Kummissjoni kienet konxja mid-decizjoni li qed tiehu. Ghalkemm fit-tieni aggravju l-appellant jargumenta li mill-minuti [Dok. 53A, Min. 61 fl-inkartament ta' PA 1721/15] tal-Kummissjoni ma jirrizultax li l-istess Kummissjoni konsapevolment ghazlet li tapplika r-regola tac-Cirkolari 3 tal-2014, it-Tribunal huwa tal-fehma li wiehed ma jistax jasal ghal din il-konkulzzjoni semplicement mill-minuti prezentati wara s-seduta li jaghtu dikjarazzjoni qasira hafna talkonkluzjoni tal-Kummissjoni wara diskussjoni shiha li tkun saret waqt is-seduta.

Illi t-Tribunal jirreferi wkoll ghall-estratt mid-diskussjoni li saret waqt il-laqgha tal-Bord tal-Ippjanar tal-21 ta' Mejju 2020 fejn jinghad hekk kif gej:
… during the decision of an application, the Commission has available the DPA report and the related plans and may also refer to any policy it requires to reach an informed decision. In this case the DPA report indicates that the site falls within an open space enclave, it refers to the Circular as well as the policy CG09, therefore the Commission was in a position to request a depth of 25 metres since it was indicated in the report.

Illi f'dan l-istadju m'huwiex lok li wiehed jaghmel analizi jekk id-Direttorat kellux ragun jew le fl-applikabilita' tal-policy u dan minhabba l-fatt li dan l-appell hu mibni strettament fuq l-Artikolu 80 tal-Kapitlu 552 liema Artiklu jitrattar-revoka ta' permess.

F'dan ir-rigward, it- It-Tribunal jirreferi ghall-Artikolu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp li jipprovdi li:
"80. (1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss
(a) fil-każijiet ta' frodi; jew
(b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew
(ċ) fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew
(d) fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata,
b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjon."
… (2) Ghall-fini tas-subartikolu (1):
"frodi" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbazi taghha l-Bord talIppjanar ikun approva permess ghall-izvilupp, meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza;
"informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta" tfisser is-sottomissjoni lill-Bord tal-Ippjanar ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbazi taghha l-Bord tal-

Ippjanar ikun approva permess ghall-izvilupp, fejn tali informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit jew hija erronja jew zbaljata;
"zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument" tfisser zball maghmul mill-Bord tal-Ippjanar huwa u jilhaq decizjoni u tali zball jidher mid-dokumenti tal-procedimenti tieghu:

Izda l-Bord tal-Ippjanar m'ghandux jirrevoka jew ibiddel permess ghall-izvilupp fuq il-bazi ta' frodi jew informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta inkorretta jew zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument, fejn tali cirkostanza ma kellha lebda incidenza materjali fuq il-hrug tal-permess ghall-izvilupp b'tali mod illi kieku l-informazzjoni korretta kienet disponibbli filmument tad-decizjoni, ir-rizultat ma kienx ikun differenti.

Illi t-Tribunal jinnota li l-Artikolu 80 supra-citat huwa specifiku meta ghandhom jigu kkunsidrati r-revoka ta' permessi. Illi fl-isfond ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet,u wara li dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-case officer's report [Dok. 42 fl-inkartament ta' PA 1721/15] li gie pprezentat quddiem ilKummissjoni tal-Ippjanar, dan it-Tribunal jinnota li ghalkemm ir-rapport seta' kien aktar car fl-evalwazzjoni tal-estent tal-izvilupp f'zona indikata bhala Open Space Enclave, wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ma kienitx konxja millpolicies ta' rilevanza ghad-determinazzjoni tal-applikazzjoni, liema policies kienu kollha citati fl-istess rapport.

Illi l-Kummissjoni tal-Ippjanar hija komposta minn nies kompetenti li huma konxji mill-kontenut u l-importanza tal-policies li jkunu qeghdin japplikaw u fejn ikollhom diffikulta ghandhom dritt jistaqsu ghal kjarifiki skond l-Artikolu 31 tal-Att tal-2016 dwar lIppjanar tal-Izvilupp. Illi f'dan il-kaz, it-Tribunal huwa tal-istess fehma tal-Bord tal-Ippjanar fejn jinghad li "one cannot conclude that the commission was not knowledgeable of the policy when it is evident that the commission had all the information available to reach an informed decision." Dan aktar u aktar jghodd meta jigi kkunsidrat illi d-decizjoni ttiehdet mill-Kumissjoni tal-Ippjanar li kienet tiddeciedi applikazzjonijiet kollha li jaqaw fil-qalba urbana bhal dan il-kaz. Dan it-Tribunal jsibha difficli jasal ghall-konkluzjoni 'lli din lKummisjoni ma kienetx konxja tal-limitazzjonijiet tal-Pjan Lokali fuq Open Space Enclave jew li ma kienetx edotta millprovvedimenta tal-policy CG09 msemmija fid-DPAR li fuqu bbazat id-decizjoni.

Il-process kontemplat fl-Artikolu 80 mhux intiz ghal ftuh mill-gdid tal-process ta' stharrig ta' proposta ta' zvilupp izda l-istharrig ghandu jkun limitat ghal konsiderazzjoni jekk saritx informazzjoni, dikjarazzjoni jew sottomissjoni ta' pjanta inkorretta cioe erronja jew zbaljata u jekk tali zball incidiex fuq il-hrug tal-permess. F'dan il-kaz m'hu qed jitqies l-ebda involviment ta' frodi, zball ta' informazzjoni jew dokument jew koncern ta' sigurta' pubblika kif indikat fl-Artiklu 80. Oltre dan, ma jistax wiehed jallaccja din il-kwistjoni mal-konkluzjoni ta' informazzjoni zbaljata da parti tad-Direttorat, sta li din hija biss prezunzjoni minn naha talappellant.

Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet: Travis Boyd, et. vs l-Awtorita` tal-Ippjanar et. (Appell Nru. 4/20) fejn il-Qorti tal-Appell ghal dawn il-motivi, u wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tal-fatti speci kollha tal-kaz, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu fil-qosor illi:

Ir-rapport tac-Chairman Ezekuttiv (DPAR) u senjatament f'paragrafu 4.3 korettament jindika illi s-sit jinsab f'zona residenzjali kif ukoll urban conservation area, izda l-gnien jinsab f'open space enclave. Dan dejjem skont LJM1 tal-pjan lokali rispettiv. Fil-paragrafu 4.5 tal-istess DPAR issir refrenza ghal policy CG09 li tirregola l-izvilupp f'open space enclave. Izda fis-subparagrafu 'extension within garden and tree uprooting tal-paragrafu 4.7, l-ufficjal inkarigat jaghmel refrenza ghac-cirkolari 3/14 u jghid illi skont din ic-cirkolari l-limitu tal-izvilupp ghandu jkun ta' 30 metru, tant illi fid-DPAR originali, it-tielet raguni tar-rifjut kienet illi l-bini propost jestendi izjed minn 30 metru. L-appellant jissottometti illi dan huwa kompletament zbaljat stante li skont il-policy CG09 tal-pjan lokali, zvilupp fejn hemm open space enclave qatt ma jista' jestendi izjed minn 25 metru. Huwa daqstant zbaljat illi l-Kummissjoni giet infurmata illi l-estent tal-izvilupp seta' jkun ta' 30 metru meta fil-fatt kellha tigi prezentata b'informazzjoni korretta u cioe li f'sit bhal dan, il-limitu tal-izvilupp huwa ta' 25 metru u mhux aktar.

Il-Kummissjoni giet indotta f'dan l-izball u idderigiet lil applikant jirriduci l-izvilupp li ma jaccediex it-tletin metru, u inhareg il-permess frott ta' informazzjoni zbaljata u li ippregudikat id-drittijiet tal-appellant billi bl-izvilupp saret invazjoni fi green enclave protetta bil-ligi.

L-appellant jilmenta li t-Tribunal qies li kellu talba biex jikkunsidra jekk il-Kummissjoni kinitx komposta minn nies kompetenti, li mhux il-kaz, peress li l-appell kien dwar is-sottomissjoni zbaljata tal-case officer li kienet tapplika c-cirkolari 3/14. L-artikolu 80 hu intiz biex jindirizza informazzjoni zbaljata li twassal ghal decizjoni zbaljata.

L-appellant izid li l-applikazzjoni tac-cirkolari 3/14 kienet zbaljata ghax cirkolari ma tissuperax dak li jrid il-pjan lokali u kienet intiza biex tnaqqas l-izvilupp u tipprotegi l-gonna u mhux izzidu. F'kull kaz ic-cirkolari stabbiliet massimu ta' fond mhux dritt kwezit li wiehed jibni sa dak il-fond.

It-Tribunal ukoll kien errat illi l-informazzjoni zbaljata skont l-artikolu 80 trid tkun gejja mill-applikant jew minn terz billi l-artikolu 80 kif emendat jghid li l-informazzjoni tkun giet sottomessa lil Bord tal-Ippjanar minghajr ma taghmel eccezzjoni mnejn tkun giet.

**Osservazzjonijiet tal-Qorti**

Din il-Qorti tqis li dan l-appell ma fihx mertu. L-appell hu mibni fuq l-allegazzjoni illi l-permess mahrug lil applikant appellat kien milqut minn zball jew informazzjoni skorretta moghtija mill-case officer lil Kummissjoni li induciha tasal ghal decizjoni skorretta fil-ligi. L-artikolu 80(1)(b) jghid li jista' jigi revokat jew jinbidel permess jekk ikun hemm sottomissjoni ta' informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta skorretta jew ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit. Hi l-fehma tal-Qorti illi t-tifsira ta' 'informazzjoni', 'dikjarazzjoni' jew 'pjanta inkorretta' kif jidher mill glossarju tirreferi ghal xi punt ta' fatt mertu tal-izvilupp li hu zbaljat u liema zball kien wiehed ta' sustanza u li wassal ghal decizjoni zbaljata tal-Kummissjoni.

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti pero ma tirrigwardax xi punt ta' fatt izda applikazzjoni ta' policies jew ahjar cirkolari ghal fattispecie partikolari tal-izvilupp. Gust jew zbaljat l-apprezzament tal-case officer ma jwassalx ghal estremi tal-artikolu 80 izda jwassal ghad-dritt ta' sottomissjonijiet mill-partijiet interessati quddiem il-Kummissjoni, dritt ta' appell quddiem it-Tribunal u eventwalment appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fuq punt ta' ligi, jekk ikun gie applikat hazin ligi, pjan jew policy jew f'dan il-kaz cirkolari fil-konfront tal-istess ligi, pjan jew policy.

L-appellant ma jistax juza procedura ad hoc u sa certu punt eccezzjonali bhal revoka taht l-artikolu 80 tal-Kap. 552 jekk ma irnexxiex jew ma inqediex bir-rimedju ordinarju moghti mill-ligi.

Il-case officer ta l-parir tieghu dwar l-izvilupp u liema policies u f'dan il-kaz liema cirkolari japplikaw. Wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx pero tali rapport jersaq quddiem il-Kummissjoni li hi fil-liberta timxi skont jew kontra tali rapport wara li tisma l-partijiet interessati. Dan mhux kaz ta' informazzjoni zbaljata izda divergenza ta' opinjoni fuq il-policies applikabbli ghal fatti mhux in kontestazzjoni.

L-appellant ukoll ma ghandux ragun jissottometti li t-Tribunal qies li l-appell hu mibni fuq il-kompetenza tal-membri tal-Kummissjoni. Dak li jsostni t-Tribunal hu li ma hemmx provi li l-membri tal-Kummissjoni ma kienux konsapevoli tal-policies u cirkolari rilevanti inkluz il-limitazzjonijiet tal-pjan lokali fuq ‘open space enclaves’ u li fil-fatt hadu decizjoni ibbazata fuq tali policies u cirkolari. Pero zied li ma jinoltrax ruhu fil-parametri tal-artikolu 80 biex jara jaqbilx jew le mad-decizjoni mehuda ghax mhux il-kompitu tat-Tribunal li jistharreg mill-gdid il-process li gie konkluz.

Bl-istess mod hu zbaljat l-appellant iqis illi t-Tribunal sostna li l-artikolu 80 jista’ jigi invokat mill-applikant jew it-terz. It-Tribunal qal biss li l-appellant ipprezuma li d-decizjoni kienet frott ta’ informazzjoni zbaljata moghtija lil Kummissjoni pero din l-allegazzjoni ma gietx pruvata.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ Dr Simon Busuttil u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-18 ta’ Mejju 2021. Spejjez ghall-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur